MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

Il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-09:00.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

**ASSENTI:**

George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 66.1 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;

66.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) qalet li peress hi skont l-email li bagħtet talbet li tieħu unpaid leave tul ix-xahar ta' April kollhu, u saħansitra għaddietu lid-dipartiment, hemm bżonn jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku irrimarka li fl-ebda ħin ma ġie ikkonsultat jew diskuss b'dan il-unpaid leave, lanqas bil-laqgħa kif etikament u legalment huwa mitlub. Huwa fakkar li skont kif titlob il-liġi laqgħa urġenti tissejjaħ biss mis-Sindku jew terz tal-Kunsilliera. Dan ma kienx il-każ. Anke l-Leave hija deċiżjoni tal-Kunsill. Għalhekk saħaq u fakkar fl-emails li għaddew ilbieraħ li din il-laqgħa ma tistax titqies legali.

Is-SE qalet li għalhekk bagħtet l-email lill-Kunsill kif ukoll lid-Dipartiment sabiex isir dan. Hawnhekk is-sindku reġa' fakkar li huwa s-sindku biss jew terz tal-Kunsilliera li jistgħu jseħu laqgħa urġenti. Is-SE qalet li imbagħad, l-istess dipartiment iggiwdha li trid taħtar DES immedjatment u għalhekk kien hemm bżonn ta' laqgħa. Hawnhekk is-Sindku talab sabiex jiġi kkuntatjat dak il-ħin dik il-persuna li mid-dipartiment tat din il-gwida. Waqt it-telefonata din il-persuna qalet li l-gwida tagħha kienet li l-Kunsill jaħtar DES imma l-leave jrid jiġi approvat mill-Kunsill. Hawnhekk is-Sindku qal li fl-email mibgħuta mis-Segretarju Ezekuttiv bit-titlu "Laqgħa b'urġenza" is-segretarja kitbet "għaliex jien tlabt sabiex nieħu unpaid leave għall-April kollu u dan ġie approvat mid-dipartiment, pero l-Kunsill irid ikollu DES". F'dan id-dawl is-sindku kompla li ma hemmx qbil ma dak li qed tgħid l-uffiċċjal tad-Dipartiment u li nkiteb fl-email. Is-Sindku hawn qal li l-Kunsill qatt ma kien ser isib diffikultà li jingħata dan il-leave pero huwa importanti li f'dan ir-rigward u f'kull ħaġa oħra jrid ikun hemm rispett lejn id-deċiżjoni tal-Kunsill għax il-Kunsill demokratikament elett f'isem il-poplu.

Is-SE qalet li fl-ebda ħin ma talbet għall-laqgħa hi, iżda bagħtet email hi turi l-urġenza tal-każ (li jinħatar DES peress li talbet għal unpaid leave) u għalhekk saqsiet jekk jaqbel il-Kunsill isir laqgħa sabiex jinħatar id-deputat. Is-SE qalet li kif intbagħtet ir-rikjesta tagħha, il-Kunsill qabel, u intagħżel ħin għall-laqgħa, kif ukoll ġie emendat il-ħin kif talab is-Sindku.

Is-SE reġgħet saqsiet jekk jaqbilx mal-ħatra u n-nomina tal-assistent prinċipal tal-Kunsill stess, Ms Claire Hili bħala deputat tal-Kunsill tul l-unpaid leave tagħha fix-xahar ta' April. Il-Kunsill qabel unanimament.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv